MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Numru. 453/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur James Grech**

**vs**

**Romeo Bone**
**Sabrina Bone**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputati Romeo Bone bin Joseph u Anna nee' Zarb, imwieled Pieta' fit-28 ta' Marzu 1976, residenti 20, Triq Pietro Floriani, Floriana u detentur tal-karta tal-identita' numru 195376(M) u l-imputata Sabrina Bone xebba Chisari, bint il-mejjet Fabrizio u Maria nee' Sultana, imwielda Catania fis-16 ta' Dicembru 1982 u residenti 20,

Triq Pietro Floriani, Floriana u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 295097(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

Lil Romeo Bone wahdu talli nhar il-25 ta’ Gunju 2007

1. Halef il-falz quddiem il-Magistrat Dr. Doreen Clark LL.D jew quddiem ufficjal iehor li kellu s-setgha b’ ligi li jaghti l-gurament, meta il-gurament kien mehtieg mill-Ligi, (Artikolu 108(1) (a) ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

2. Rrenda ruhu recediv b’ diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi gew defenittivi w ma jistghux jigu mhassra jew mibdula.

Sabrina Bone wahedha talli nhar it-2 ta’ Ottubru 2007

3. Tat xhieda falza fi proceduri kriminali dwar delitt suggett ghall-piena akbar mill-piena ta’ prigunerija ghal zmien sentejn favur il-persuna imputata jew akkuzata u cioe’ Romeo Bone detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 195376M (Artikolu 104 u 105ta’ Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

4. Halfet il-falz quddiem il-Magistrat Dr. Doreen Clark LL.D jew quddiem ufficjal iehor li kellu s-setgha b’ligi li jaghti l-gurament, meta l-gurament kien mehtieg mill-ligi (Artikolu 108 (1) (a) ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Ghaldaqstant f’ kaz ta’ htija, il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex tapplika espressament il-piena ta’ l-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f’ kull kaz li jkun ai-termini ta’ Artiklu 109 (1) ta’ Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 5 ta’ Jannar 2010 (esebita a fol. 90 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

Lil Romeo Bone :

(1) Fl-Artikoli 108 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

(2) Fl-Artikoli 49, 50 u 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Lil Sabrina Bone :

(1) Fl-Artikoli 104 u 105 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Fl-Artikoli 108 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Fl-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tat-12 ta' Marzu 2010, l-imputati iddikjaraw li huma m' ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Ikkunsidrat :

Illi l-investigazzjonijiet li imbaghad waslu sabiex inhargu l-imputazzjonijiet odjerni inbdew wara li f'sentenza moghtjia minn din l-Qorti kif presjeduta mill-Magistrat Doreen Clarke fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Romeo Bone' li inghatat fit-23 ta' Gunju 2008 (kopja tas-sentenza nserita a fol. 25 sa 32 tal-atti processwali), fejn fil-konsiderazzjonijiet taghha l-Qorti qalet hekk *« Il-Qorti hija tal-fehma li ghandha mill-ewwel tirrileva li x-xhieda tal-imputat u martu assolutament m'humiex kredibbli u hemm diversi inkonsistenzi f'dak li qalu »* u imbaghad fil-parti tad-decide l-istess Qorti qalet is-segwenti :-

*«In oltre l-Qorti, peress li jirrizulta li x-xhiedha mghotija mill-imputat hija inveritjiera, tordna li kopja tat-traskrizzjoni tad-depozizzjoni tieghu, flimkien ma' kopja tat-traskrizzjoni ta' Suzanne Zammit u d-dokument esebiet bhala Dok RB1 (a fol 156) tal-process kif ukoll kopja ta' din is-sentenza jintbghatu lill-Kummissarju tal-Pulizija ghal dik l-azzjoni opportuna ai termini tal-Ligi. »*

Minn ezami tal-imsemmija sentenza jirrizulta li l-kawza relattiva kienet tirrigwarda imputazzjonijiet ta' serq aggravat bil-valur li jeccedi €2329.37, bil-mezz u bil-hin, kif ukoll hsara volontarja ta' izjed minn €116.50 izda anqas minn €1164.69, ricettazzjoni u recdiva addebitati

lill-imputat Romeo Bone fejn huwa nstab hati ta' ricettazzjoni u recidiva izda gie dikjarat mhux hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfronti tieghu. Mill-atti rrizulta wkoll li fl-imsemmija proceduri xehed Romeo Bone nhar il-25 ta' Gunju 2007 fejn bil-gurament dan kien qal illi huwa kien iltaqa ma John Patrick Said fix-xitwa li hu rrefera ghaliha bhala 'mhux li ghadha kemm ghaddiet imma ta' qabel' ghalhekk wiehed jasal ghal konkluzzjoni li Romeo Bone kien qed jirreferi ghax-xitwa ta' qabel is-sena 2005 u 2006. Xehed li ma John Patrick Said kien qed jinnegozja vann li John Patrick kellu ghal bejgh izda fix-xitwa dan in-negozju ma giex iffinalizzat. Xehed ukoll illi fis-sajf ta' qabel, u allura wiehed jifhem li kien qed jirreferi dak tas-sena 2006, huwa rega' ltaqa ma John Patrick Said gewwa l-Gnejna fejn Romeo Bone kien mal-familja jaghmel camping u fejn dan John Patrick Said kien qallu illi kellu xi oggetti relatati mal-camping, ghall-bejgh fejn Bone sostna li kien wera l-interess li jixtrihom. L-imputat kien qal li l-ghada, li kien it-Tnejn, huwa ltaqa ma dan John Patrick Said ghall habta tas-sitta, s-sitta w nofs fejn il-fabbrika tal-Coca Cola u John Patrick Said ghamillu sinjal biex isuq warajh. Dawn saqu fit-triq li hemm ma genb is-showroom tad-Daewoo u wasslu 'hdejn ghalqa li kellha xatba griza u kien hemm anka hafna cameras u hemmekk qieghed nirreferi ghal cameras tas-CCTVs.' Anka fil-kontro ezami fl-istess jum waqt l-istess proceduri, Romeo Bone kompla jsostni illi 'Nikkonferma illi kellu jerga' jaghmel kuntatt mieghi minhabba l-vann u pero' ma ghamel l-ebda kuntat sussegwenti u dan kien lejn l-ahhar tas-Sajf li ghadda'. U ghalhekk wiehed jasal ghal konkluzzjoni illi dan kien propju ghall-ahhar tas-Sajf tas-sena 2006.

Illi fl-imsemmija proceduri quddiem il-Magistrat Doreen Clarke xehdet ukoll l-imputata Sabrina Bone u dan kien waqt l-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2007 fejn hija ikkonfermat illi 'dan kollu gara ghall-habta ta' Settembru tas-sena li ghaddiet cioe' fis-sena 2006.' Hija kienet qed tirreferi ghall-inkontru bejn zewgha u ragel li ma kinitx taf min hu fil-Gnejna. Illi waqt il-kontro ezami Sabrina Bone tat deskrizzjoni ta' dan ir-ragel u meta giet murija 'dok RB1 li kienet fotokopja ta' karta tal-identita' ta' John Patrick Said

hija kkonfermat illi l-persuna li tidher f'dak ir-ritratt hija dik il-persuna illi rat il-Gnejna jkellem lir-ragel taghha**.** Hija qalet ukoll li kient certa illi dak huwa l-persuna illi jiena rajt ikellem lir-ragel il-Gnejna u li kienet certa illi dik il-persuna ratha fl-2006 izda imbaghad qalet ukoll *« qeghda nigi mistoqsija u nerga nikkonferma bl-istess certezza li l-persuna li jien qieghda naraf ritratt dok RB 1 a fol 156 tal-process rajtu fis-sena 2006 u dan tenut kont illi jista jkun illi dik il-persuna ilha mejta mis-6 ta' Novembru tas-sena 2005 nghid illi jista jkun li ilu sentejn .* » Fl-istess proceduri, precizament fit-12 ta' Novembru 2007, kienet xehdet Suzanne Zammit fejn din qalet li kient l-gharusa ta' John Patrick Said…… « *Nghid illi Greenlines (il-kumpanija li kellu John Patrick Said ghandha ghalqa ……Nghid ukoll illi is-CCTV's li hemm mal-kancell ta' din il-grada saru wara l-mewt ta' Patrick u jien kont installajthom dawn ic-CCTV's. Nghid li ilhom hemm xi tmien xhur ……Nixtieq nghid illi fiz-zmien tal-Milied tas-sena 2006 illi insterquli diversi dokumenti importanti mill-karozza tieghi. Kelli l-logbooks tat-trakkijiet kollha ……u mad-dokumenti kelli wkoll photocopies ta' l-ID card ta' Patrick***. »** L-imsemmija Suzanne Zammit regghat xehdet fil-proceduri odjerni waqt l-udjenza tas-6 ta' Novembru 2009 fejn hija kkonfermat dak li kienet qalet fix-xhieda taghha quddiem il-Magistrat Doreen Clarke. F'dawn il-proceduri inoltre gie prodott ic-certifikat tal-mewt ta' John Patrick Said[1] minn fejn jirrizulta li dan miet fis-6 ta' Novembru 2005 u dan ovvjament ifisser li huwa qatt ma seta' kellu kuntatt fix-xitwa ta' bejn l-2005 u l-2006 u wisq aktar fis-sajf tal-2006 kif xehed l-imputat Romeo Bone quddiem il-Magistrat Doreen Clarke.

Ikkunsidrat:

Illi fin-Nota ta' Rinviju tieghu tal-5 ta' Jannar 2010 l-Avukat Generali indika li in kwantu jirrigwarda l-imputat Romeo Bone tista' tinstab htija fl-Artikoli 108, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li in kwantu jirrigwarda l-imputata Sabrina Bone l-istess Avukat Generali indika li tista' tinstab htija taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 14, 105, 108 u 109 tal-Kodici Kriminali. In kwantu jirrigwarda l-

[1] Inserit a fol. 47 tal-atti processwali.

imputat Romeo Bone id-Difiza qed issostni li l-Artikolu 108 tal-Kodici Kriminali li huwa l-uniku artikolu tal-ligi ndikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu in kwantu jirrigwarda l-imputat Romeo Bone apparti l-Artikoli 49 u 50 u 109 li ovvjament jiskattaw jekk tinstab htija taht l-Artikolu 108, ma japplikax ghal kaz odjern stante li fil-proceduri quddiem il-Magistrat Doreen Clarke l-imputat Romeo Bone xehed fil-vesti tieghu ta' imputat u ghalhekk l-artikoli tal-ligi applikabbli huma l-Artikoli 104 jew 105. L-Artikolu 108 tal-Kodici Kriminali jipprovdi s-segwenti ;-

'108. (1) Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jaħlef il-falz quddiem imħallef, maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament, jeħel, meta jinsab ħati -
(a) il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena, jekk il-ġurament ikun meħtieġ mil-liġi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' waħda mill-qrati ta' Malta;
(b) il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur, jekk il-ġurament ma jkunx hekk meħtieġ jew ordnat.
(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għall ġuramenti promissorji.'

L-Artikoli 104 u 105 min-naha l-ohra jipprovdu s-segwenti :-

*'104. (1) Kull min jagħti xiehda falza fi proċeduri kriminali dwar delitt suġġett għall-piena akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkużata, jeħel, meta jinsab ħati, minn sentejn sa ħames snin priġunerija.*
*(2) Iżda, jekk il-persuna akkużata tiġi ikkundannata għal piena akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien ħames snin, ix-xhud li jkun ta x-xiehda falza kontra dik il-persuna fil-kawża, jew, li mixxiehda tiegħu jkun sar użu kontra il-persuna akkużata f 'dik ilkawża, jeħel dik il-piena akbar.'*

*'105. Kull min jagħti xiehda falza fi proċeduri kriminali dwar reat mhux imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkużata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa sentejn.'*

Illi in vista ta' din is-sottomissjoni sollevata mid-Difiza ikun ghalhekk opportun li wiehed janalizza d-distinzjoni bejn ir-reat kontemplat fl-Artikolu 108 min-naha l-wahda u dak kontemplat fl-Artikoli 104 u 105 min-naha l-ohra. F'dan ir-rigward il-Qorti tixtieq taghmel referenza ghal dak li qalet il-**Qorti tal-Appell Kriminali** fil-kawza fl-ismijiet **« Pulizija vs Marzouki Hachemi Beya Bent Adbellatif'** deciza fit-**22 ta' Ottubru 2001** fejn saret analizi approfondita tad-distinzjoni bejn iz-zewg reati kontemplati fl-imsemmija Artikoli u fejn inghad is-segwenti :-

*'F'dan l-istadju ta' din is-sentenza, ghandu jigi rilevat li r-reat kontemplat fl-Artikolu 104 (1) tal-Kodici Kriminali, u anke dak fl-Artikolu 105, hu dak ta'spergur (falza testimonjanza), filwaqt li r-reat kontemplat fl-Artikolu 108 (1) tal-Kodici Kriminali hu dak ta'gurament falz biss. L-ewwel reat imsemmi hu komunement imsejjah "legal perjury" jew "false testimony", filwaqt li r-reat l-iehor jissejjah "extra-judicial perjury" jew "false swearing". Fil-fatt, kif gie ritenut u hu accettat, tezisti distinzjoni bejn dawn iz-zewg reati. Bazikament, id-differenza hi li min jixhed falz waqt kawza (ai termini ta' l-Artikoli 104{1} u 105) ma jitqiesx mil-ligi li dak l-agir tieghu jikkostitwixxi biss 'gurament falz', sic et simpliciter, izda jikkostitwixxi 'spergur', cioe', falza testimonjanza; mentre min jiehu gurament falz f'dawk l-okkazzjonijiet l-ohra li mhumiex waqt kawza (ai termini ta' l-Artikolu 108 {1} tal-Kap.9), hemm ikun qed jiehu gurament falz, izda ma jkunx qed jikkommetti d-delitt aktar serju ta' spergur fi-kontest ta' l-imsemmija Artikoli 104 (1) u 105'.*

Il-Qorti sejra wkoll taghmel referenza ghal dak li qalet il-**Qorti tal-Appell Kriminali** fil-kawza fl-ismijiet **«Pulizija vs Wigi Attard'** deciza fil-**25 ta' April 1953** fejn il-Qorti irriteniet li d-disposizzjoni tal-ligi li tirrendi hati ta' spergur lil min jaghti xhieda falza fi proceduri kriminali, sew kontra kemm favur l-imputat, hija applikabblli anki ghall-kaz ta' min ikun xehed il-falz f'kawza kriminali fejn kien imputat huwa stess. L-istess principju gie ribadit fil-kawza fl-ismijiet **'Pulizija vs Carmelo Bartolo'** deciza fit-**12 ta' Mejju 1953** fejn l-istess Qorti tal-Appell Kriminali qalet '*L-*

*imputat lli jixhed il-falz f'kawza kriminali li saret kontra tieghu stess jirrendi ruhu hati ta' falza testimonjanza l-istess bhal kieku dak l-ispergur gie kommess minn xhud li tkun persuna diversa mill-imputat.'* Fil-kawza odjerna ma hemmx dubju li l-imputat Romeo Bone meta xehed quddiem il-Magistrat Doreen Clarke kien qed jixhed quddiem Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghaliex il-Qorti kienet ikkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ghalhekk l-imputat kien qed jixhed f'kawza kriminali kontra tieghu innifsu u ghalhekk abbazi tal-gurisprudenza appena citata ghandhom japplikaw l-Artikoli 104 u 105 ghar-reat allegatament minnu kommess. Kif ben tajjeb irrilevat id-Difiza l-Artikolu 108 jispecifika li '*kull min f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-Artikoli ta' qabel dan….'* u in vista tal-fatt li ghadu kemm gie stabbilit li huma l-Artikoli 104 u 105 li huma applikabbli ghal kaz odjern u dawn l-Artikoli jigu qabel l-Artikolu 108, l-istess Artikolu 108 ma jistghax jitqies bhala li huwa wkoll applikabbli ghal kaz de quo u in vista tal-fatt li fil-konfronti tal-imputat Romeo Bone l-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu indika biss l-Artikolu 108 u mhux l-Artikoli 104 u 105 l-imputat Romeo Bone ma jistghax jinstab hati tal-imputazzjonijiet lilu addebitati abbazi tal-principju ben assodat fil-gurisprudenza taghna u cioe' li l-Qorti hija marbuta bl-artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu jirrigwarda l-imputata Sabrina Bone l-Avukat Generali indika kemm l-Artikoli 104 u 105 kif ukoll l-Artikolu 108. Ghall-istess ragunijiet indikati aktar 'il fuq in kwantu jirrigwarda Romeo Bone irid jinghad mal-ewwel li anki fil-kaz ta' Sabrina Bone ghandu jitqies li japplikaw l-Artikoli 104 u 105 u mhux l-Artikolu 108 peress li meta hija xehdet quddiem il-Magistrat Doreen Clarke hija xehdet fi proceduri kriminali kontra zewgha bhala xhud tad-Difiza u ghalhekk quddiem Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Stabbilit dan il-punt irid ukoll jigi rilevat li ghalkemm fil-konsiderazzjonijiet minnha maghmula din il-Qorti kif presjeduta mill-Magistrat Doreen Clarke kienet irrilevat li x-xhieda moghtija mill-imputat Romeo Bone u martu

Sabrina Bone ma kienux kredibbli u kien hemm diversi inkonsistenzi f'dak li qalu fil-parti tad-decide hija ndikat li peress li x-xhieda moghtija mill-imputat hija inveritjiera u ghalhekk rrakkomandat li kopja tat-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tieghu kif ukoll tat-traskrizzjoni tax-xhieda moghtija minn Suzanne Zammit u kopja tas-sentenza jigu notifikati lil Kummissarju tal-Pulizija ghall-azzjoni opportuna skond il-ligi. Din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Magistrat Clarke ghalhekk m'ordnatx li kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda moghtija mill-imputata Sabrina Bone tigi notifikata lil Kummissarju tal-Pulizija.

Jekk wiehed jezamina x-xhieda moghtija minn Sabrina Bone quddiem il-Magistrat Doreen Clarke li diga' sar accenn ghaliha fil-paragrafi precedenti, wiehed isib li hija qalet li darba meta kienet ma zewgha fil-bajja tal-Gnejna kien gie ragel ikellem lil zewgha li hija ma kinitx taf min hu izda li wara li giet murija kopja tal-karta tal-identita' ta' John Patrick Said gharfitu bhala r-ragel li kien gie ikellem lil zewgha. Hija qalet li dan gara fis-sajf tas-sena 2006 izda imbaghad wara li regghat qalet li din l-okkazzjoni li semmiet grat fis-sajf tal-2006 u wara li saritilha domanda specifika in kontro-ezami jekk setghax ikun li dan fil-fatt gara fl-2005 hija rrispondiet li jista' jkun li dan effettivament gara fl-2005. Fir-rigward ta' dak li qalet Sabrina Bone id-Difiza tikkontendi li dak li xehdet Sabrina Bone ma jammontax ghal spergur izda semmai hija xhieda inkorretta u fi kwalunkwe kaz hija kkoregiet ruhha meta qalet li il-fatti li xehdet dwarhom setghu graw fis-sajf 2005 u ghalhekk dan jammonta ghal retraction u ghalhekk din ir-retraction tinnewtralizza l-ispergur. Dwar id-dottrina tar-retraction il-Qorti ser taghmel ampja referenza ghal dak li qalet il-**Qorti tal-Appell Kriminali** fis-sentenza citata aktar 'il fuq fil-kawza fl-ismijiet **'Pulizija vs Marzouki Hachemi Beya Bent Adbellatif'** fejn saret esposizzjoni dettaljata dwar id-dottrina tar-ritrattazzjoni u fejn inghad is-segwenti :-

*'Jinghad mal-ewwel li ma hemm ebda dubju li din id-duttrina, ghalkemm ma tirrizultax daqstant cara mill-Kodici Kriminali, fil-prattika giet accettatha mill-Qrati taghna f'kazijiet ta'spergur. L-Artikolu 522 (1) tal-Kodici Kriminali*

*jaghti s-setgha lill-Qorti sabiex fid-diskrezzjoni taghha tmexxi lejn is-sewwa kull xhud li jhawwad fix-xhieda tieghu, dan billi twissih, twarrbu, eccetera. L-Artikolu 104 (3) tal-Kap. 9, moqri flimkien mal-proviso tas-subartikolu (2) ta' l-istess Artikolu 104, juri bic-car l-intenzjoni tal-legislatur li meta xhud jerga' lura mix-xhieda falza li jkun ta, b'mod li tali ritrattazzjoni tibbenfika xi persuna akkuzata u misjuba hatja in  bazi tax-xhieda falza tieghu, u qabel ma tigi esegwita dik is-sentenza, allura tali ritrattazzjoni tibbenefika wkoll lil dak ix-xhud li jregga' lura x-xhieda falza tieghu, dan ghal dak li jirrigwarda l-piena anqas li hu soggett ghaliha f'tali kaz a differenza tal-piena akbar soggett ghaliha meta jinstab hati ta' dak l-ispergur minghajr ma jkun reggha lura x-xhieda falza tieghu. Moqrija flimkien dawn iz-zewg Artikoli separati fil-Kodici Kriminali kjarament juru li l-legislatur ried jaghti l-opportunita' jew incentiv lix-xhud li xehed falz sabiex iregga' lura dik ix-xhieda tieghu. Ried jaghti l-opportunita' lil dak ix-xhud li jregga' lura x-xhieda falza tieghu w b'hekk jevita li tigi kagunata xi hsara rreparabbli lil xi persuna jew anke lis-socjeta' in generali. Ta' min izid ma' dawn iz-zewg Artikoli tal-Kodici Kriminali, dak li jiddisponi il-Kap.12 fl-Artikolu 602 (1), maghmul applikabbli ghall-procedimenti kriminali bl-Artikolu 645 tal-Kap. 9, fejn xhud, f'kull zmien qabel l-eghluq tas-smigh tal-kawza, jkun jixtieq jaghmel xi zieda jew korrezzjoni ghal dak li jkun xehed qabel, u l-Qorti tippermetti tali zieda jew korrezzjoni. Dawn huma tlett Artikoli tal-Ligi li kjarament juru li din id-duttrina ta'ritrattazzjoni kienet f'mohh il-legislatur. Din tar-ritrattazzjoni, fil-fatt, hija incentiva li l-ligi taghti lix-xhud sabiex jasal biex jikkoreggi lilu nnifsu biex dak li jkun xehed falz precedentement ma jwassalx ghad-dannu ta'haddiehor u sabiex ukoll l-istess xhud ikollu mohhu mistrieh li l-ligi qed tipproteggih billi jibbenefika minn din ir-ritrattazzjoni tieghu li twassal ghan-newtralizzazzjoni tar-reat ta' spergur. Dan hu ezattament l-iskop wara din id-duttrina, cioe' li tigi zvelata l-verita' li hu wkoll l-iskop ta' kull process kriminali, li bniedem li x-xhieda falza tieghu tista' twassal ghal xi decizjoni hazina, jkun f'posizzjoni li jirrimedja ghal tali sitwazzjoni qabel ma jkun tard wisq. L-effett ta' din l-incentiva hu li tigi eliminata l-possibilita' li l-*

*gustizzja tigi zgwidata w li jsir xi dannu rreversibbli lil xi hadd.*

*Issa pero', mhux kull tip ta' ritrattazzjoni hija accettabbli fis-sens li din dejjem tibbenefika lix-xhud li jregga lura mix-xhieda falza tieghu. Hemm certi rekwiziti li jridu jigu sodisfatti sabiex din il-linja difensjonali tirnexxi. Ta'min ifakkar li kif jirrizulta mill-gurisprudenza, l-effett tar-ritrattazzjoni hu li din tinnewtralizza ghall-kollox ir-reat ta' spergur. Assumendo li jezistu r-rekwiziti kollha necessarji sabiex tirnexxi din il-linja difensjonali, l-effett taghha hu li min ikun xehed falz u volontarjament iregga' lura dik ix-xhieda falza tieghu fil-mument opportun, hu jkun ezonerat minn kull responsabilita' kriminali. U dan hu propju l-incentiv li taghti l-ligi lil kull min jirritratta lura minn xi xhieda falza li jkun ta, purche' huma sodisfatti r-rekwiziti mehtiega. Dan hu incentiv intiz biex iwassal lix-xhud biex jerga' jahsibha, jiddispjacih minn dik ix-xhieda falza li jkun ta, u jasal jghid il-verita' minghajr ma jinkorri f'responsabilita' kriminali. Hu l-premju li l-ligi taghti lil dak ix-xhud talli ghen u ta l-kontribut tieghu siewi sabiex issir gustizzja jew sabiex ma ssirx ingustizzja in bazi ta' xhieda falza.*

*Issa sabiex tali '**retraction**' tinnewtralizza d-delitt ta'spergur, hu ovvju li tali ritrattazzjoni necessarjament ghandha **<u>issir qabel ma l-proceduri kriminali jkun gew decizi</u>**. Dan ghaliex ritrattazzjoni hija intiza biex twassal ghal xi beneficcju, kif intqal qabel, anzi ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja. Issa jekk din issir wara li l-proceduri kriminali jkunu intemmu w gja' hemm decizjoni, allura dik ir-ritrattazzjoni ma tiswa xejn u ma tibbenefika lill-hadd. Ix-xhud li jregga lura x-xhieda falza tieghu f'dak l-istadju tardiv, ghalhekk, jibqa' kriminalment responsabbli ghad delitt ta'spergur. Fil-fatt, gie ritenut li sakemm ikunu ghadhom ma spiccawx il-proceduri kriminali, u allura hemm dejjem il-possibilita' li xhud jista' jregga lura x-xhieda falza tieghu, dan id-delitt ta'spergur jimmatura jew jigi kunsmat **biss** fil-mument meta ma jkunx aktar possibbli li jerga' jissejjah dak ix-xhud, fil-mument li dawk il-proceduri jkunu intemmu, u ghalhekk, ma jkunx ghad baqa' l-possibilita' li xhud jirritratta. Fil-fatt il-**Pessina***

*(Elementi di Diritto Penale, Vol. 7, p.730) jghid hekk : " Il testimonio il quale facesse una testimonianza falsa, ancorche', cio' avvenga nel corso del giudizio, ritrattandosi prima che si chiudesse il dibattimento, non sarebbe soggetto ad azione penale per falsa testimonianza siccome fino a tale momento si tratta di un conato che vien esente da pena per il sopraggiunto pentimento del colpevole."*

*Issa apparti dan ir-rekwizit li r-ritrattazzjoni trid issir qabel ma jigu terminati l-proceduri kriminali, ix-xhud li jiddispjacih u jregga' lura ix-xhieda falza tieghu, irid jaghmel hekk b'mod* ***volontarju****, cioe' ma jigi mgieghel jew kostrett minn hadd. Mhux essenzjali li jaghmel hekk b'mod spontaneu ukoll. L-awturi u gurisprudenza jghidu li jkun bizzejjed li x-xhud jiddeciedi li jmur lura mix-xhieda falza tieghu volontarjament, ghaliex hekk irid hu. Fil-fatt, gie ritenut li xhud ghandu kull dritt li jregga' lura dak li jkun qal u b'hekk jinnewtralizza l-ispergur, basta li jaghmel hekk fil-kors tal-proceduri w qabel ma dawn jispiccaw. Il-Professur Mamo filwaqt li jirreferi ghad-diskrezzjoni tal-Qorti, fuq imsemmija, rizultanti mill-Kap. 12, li tregga' lura lix-xhud li jkun qed ihawwad billi twissih li jista' jigi arrestat, jinzamm appartat, eccetera, jghid li ghalkemm f'cirkostanzi bhal dawn ix-xhud jiddeciedi li jregga' lura x-xhieda tieghu, tali ritrattazzjoni xorta tibqa' wahda volontarja li tinnewtralizza d-delitt ta'spergur.*

*Issa apparti li r-ritrattazzjoni trid tkun wahda volontarja u maghmulha qabel ma jispiccaw il-proceduri, huwa essenzjali wkoll li din tkun* ***esplicita****,* ***kompleta*** *w* ***inkondizzjonata****. Dan kif jghid il-Manzini (Manuale di Diritto Penale, Vol 5. Para. 1671, at p. 789).'*

Fil-fehma tal-Qorti fil-kaz odjern il-korrezzjoni maghmula minn Sabrina Bone tista' titqies li tammonta ghal retraction ghaliex saret qabel ma gew terminati l-proceduri li kienet qed tixhed fihom u ghaliex saret  b'mod volontarju u nkondizzjonat fejn wara li saritilha id-debita domanda in kontro-ezami Sabrina Bone accettat li l-fatti li kienet qed tixhed dwarhom setghu graw fis-sajf tat-2005 u mhux f'dak tat-2006 kif kienet qalet precedentement. Il-Qorti

ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi x-xhieda ta' Sabrina Bone ma tistghax titqies li tammonta ghar-reat ta' spergur kontemplat fl-Artikolu 104 jew 105 tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------